32001D0602

ID-DEĊIZJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-26 ta' Lulju ta' l-2001
dwar l-aċċettazzjoni ta' l-impriżi offruti in konnessjoni mal-proċedura ta' kontra r-rimi dwar il-prodotti importati ta' ċerti ħbula tal-ħadid u ta' l-azzar u kejbils li joriġinaw fil-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Korea, il-Malasja, ir-Russja, it-Tajlandja u t-Turkija u tterminaw il-proċeduri fir-rigward tal-prodotti importati li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea u mill-Malasja

(notifikata bid-dokument numru C(2001) 2351)

(2001/602/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidraw Regolamnet tal-Kummissjoni (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra importi li jifqgħu s-suq minn pajjiżi terzi li mhux Membri tal-Komunità Ewropea [1], as last amended by Regulation (EC) No 2238/2000 [2], and in particular l-Artikolu 8 and 9 thereof, PROBLEM WITH FILE HERE

Wara li kkonsultaw il-Kumitat Konsultattiv.

billi:

A. **IL-PROĊEDURA**

(1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 230/2001 [3], il-Kummissjoni imponiet dazju proviżorju kontra r-rimi fuq il-prodotti importati ta' ċerti ħbula tal-ħadid u ta' l-azzar u kejbils (SWR) li joriġinaw fil-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Korea, il-Malasja, ir-Russja, it-Tajlandja u t-Turkija u aċċettaw l-impriżi offruti minn ċerti produtturi li jesportaw fir-Repubblika Ċeka u fit-Turkija.

(2) Ma ġew imposti ebda miżuri proviżorji fuq il-prodotti importati mir-Repubblika tal-Korea (Korea) u mill-Malasja peress li l-marġini tar-rimi misjuba fil-każ ta' dawn iż-żewġ pajjiżi kienu inqas minn 2 % tal-limiti stabbiliti fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 ("Regolament bażiku").

(3) Wara li ġew imposti l-miżuri kontra r-rimi, il-Kummissjoni kompliet l-investigazzjoni fir-rimi, fl-inġurja u fl-interess tal-Komunità. Ir-riżultati definittivi u l-konklużjonijiet ta' l-investigazzjoni huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1601/2001 [4] u jimponu dazju definittiva kontra r-rimi u jiġbru definittivament dazju proviżorju kontra r-rimi fuq ċerti ħbula tal-ħadid u ta' l-azzar u kejbils li joriġinaw fil-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Korea, il-Malasja, ir-Russja, it-Tajlandja u t-Turkija

(4) L-investigazzjoni kkonfermat ir-riżultati proviżorji tar-rimi li jagħmel il-ħsara fir-rigward tal-prodotti importati li joriġinaw fil-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Korea, il-Malasja, ir-Russja, it-Tajlandja u t-Turkija. Ġie kkonfermat ukoll li l-marġini tar-rimi għall-prodotti importati li joriġinaw mill-Korea u mill-Malasja kienu de minimus.

B. **L-IMPRIŻI**

(5) Wara l-imposizzjoni tal-miżuri proviżorji kontra r-rimi, il-produtturi li jesportaw li jikkooperaw fir-Russja I fit-Tajlandja offrew impriżi f'konformità ma' l-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku.

(6) Skond dawn l-impriżi, il-produtturi li jesportaw in kwistjoni offrew biex ibiegħu il-prodott konċernat fil-jew fuq il-liveli ta' prezzijiet li jeliminaw l-effetti tar-rimi li jagħmlu dannu.

(7) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-impriżi offruti mill-produtturi li jesportaw kkonċernati jistgħu jiġu aċċettati peress li jeliminaw l-effett tar-rimi li jagħmlu dannu. Barra minn dan, il-kunpaniji għandhom jipprovdu l-Kummissjoni b'informazzjoni regolari u ddettaljata dwar l-esportazzjoni lejn il-Komunità, u dan ifisser li l-impriżi jistgħu jiġu kkontrollati effettivament mill-Kummissjoni. Aktar minn hekk, in-natura tal-prodott, l-istruttura tal-kumpaniji u x-xejriet tal-bejgħ huma tali li r-riskju li jevitaw l-impriżo miftehma huma limitati.

[1] ĠU L 56, 06.03.96, p. 1.
[2] ĠU L 257, 11.10.00, p. 2.
[3] ĠU L 34, 03.02.01, p. 4.

[4] Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċċjali.

(8) Sabiex iħallu lill-Kummissjoni aktar biex effettivament jikkonrollaw il-konformità tal-kumpaniji mal-impriża, meta t-talba għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera wara li l-impriżi jiġu ppreżentati lill-awtorità tad-dwana rilevanti, l-eżenzjoni mid-dazju għandha tkun kondizzjonali fuq il-preżentazzjoni ta' riċevuta kummerċjali maħruġa mill-produttur li jkun qed jesporta li mingħandu l-impriża hija aċċettata u fiha l-elementi msemmija fl-Anness għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1601/2001. Dan il-livell ta' informazzjoni huwa ukoll neċessarju biex jiżgura li l-awtoritajiet tad-dwana biex jiġI assigurat mal-preċiżjoni suffiċjenti li l-vjaġġI bil-baħar jikkorrispondu mad-dokumenti kummerċjali. Fejn ma tiġI ppreżentata l-ebda riċevuta jew meta ma tkunx tikkorrispondi mal-prodott ppreżentat lid-dwana, għandha titħallas ir-rata xierqa tad-dazju kontra r-rimi.

(9) Fil-każ ta' suspett ta' ksur jew teħid lura ta' l-impriżi, tista' tiġI mposta dazju fuq ir-rimi skond l-Artikolu 8(9) u (10) tar-Regolament bażiku.

(10) Il-Kumitat Konsultattiv ġie kkonsultat u ma tressqu l-ebda objezzjonijiet dwar l-aċċettazzjoni ta' l-impriżi offruti.

C. **IT-TERMINAZZJONI TAL-PROĊEDURI**

(11) In viżta tar-riżultati ta' l-investigazzjoni dwar il-Korea u l-Malasja, u meta jiġI kkunsidrat li l-marġini tar-rimi misjuba kienu de minimis, il-proċedura għandha tiġI tterminata mingħajr l-imposizzjoni tal-miżuri kontra rimi fir-rigward tal-prodotti importati tal-prodott kkonċernat li joriġinaw fil-Korea u fil-Malasja,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-impriżi offruti mill-kumpaniji msemmija hawn taħt, fil-qafas tal-proċedura kontra r-rimi dwar l-prodotti importati ta' ċerti ħbula tal-ħadid u ta' l-azzar u kejbils li joriġinaw fil-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Korea, il-Malasja, ir-Russja, it-Tajlandja u t-Turkija qedgħin jiġu aċċettati.

Pajjiż	Kumpaniji	Kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Russja	Il-Kumpanija Konġunta Miftuħa Cherepovetsky Staleprokatny Zavod, ir-Russja, 162200, Cherepovets, Vologda Reġjun, ul. 50-letia Oktiabria, 1/33	A217
It-Tajlandja	Usha Siam Steel Ind. Kumpanija Pubblika Ltd. 888/116 Mahatun Plaza Building, Ploenchit Road, Bangkok 10330, it-Tajlandja	A218

Artikolu 2

Il-proċedura dwar l-prodotti importati ta' ċerti ħbula tal-ħadid u ta' l-azzar u kejbils li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea u fil-Malasja hija hawn tiġI tterminata.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Lulju ta' l-2001.

Għall-Kummissjoni

Pascal LAMY

Membru tal-Kummissjoni